**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 9 ta' Settembru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**CLIFFORD GATT BALDACCHINO**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Clifford Gatt Baldacchino, detentur tal-karta tal-identità 0092088M fejn gie akkuzat talli :

1. F'diversi hinijiet matul il-gurnata ta' nhar it-28 t'Awwissu 2019, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (a) hedded li ser jaghmel xi reat; (b) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontrih, jew immalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamel uzu mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, u anke fil-granet ta’ qabel ikkaguna lil haddiehor u cioe’ lil Stephanie Agius biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1), u dan bi ksur ta’l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, u anke fil-granet ta’ qabel, gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Stephanie Agius b’mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal din il-persuna jew persuni, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 222(1) u 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar tall fl-istess data, lok u cirkostanzi, mingħajr skuża raġonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b’ordni taħt l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta hekk kif maħruġa mill-Maġistrat Dr. Y. Micallef Stafrace LL.D. nhar is-16 t’Awwissu 2019, u dan bi ksur tal-Artikolu 412C(11) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-provedimenti ta’ sentenza sospiża moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL. D), datata 23 ta’ Awwissu, 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula, u dan bi ksur tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex titratta dan il-kaz bhala wiehed ta’ Vjolenza Domestika ai termini tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta’ Stephanie Agius (ID: 518889(M), u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u tagħmel Ordni ta’ Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F’kaz ta’ htija, il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ahharnett, il-Qorti giet wkoll gentilmment mitluba tikkunsidra li f’kaz ta’ htija, tohrog ordni ta’ trattament fil-konfront tal-akkuzat Clifford Gatt Baldacchino ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali datat 29/08/2019 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-ewwel udjenza tad-29 ta` Awwissu 2019 ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza tad-29 ta’ Awwissu 2019 fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, partikolarment l-istqarrija ta` l-imputat esebita in atti, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' sanzjoni l-Qorti qed tikkonsidra fost ohrajn is-segwenti :

1. L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat;

2. Il-fatt li r-reati addebitati huma serji;

3. Il-fatt li lanqas lahqu ghaddew sitt (6) ijiem mis-Sentenza moghtija kontra l-imputat minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-23 ta' Awwissu 2019, li l-imputat ghogbu jagixxi bi ksur tal-Ligi u bi ksur tas-Sentenza sospiza;

4. Il-fatt illi bil-mod kif l-imputat ippersista fl-atteggjament tieghu billi baqa jsegwi l-passi u jikkomunika jew jipprova jikkomunika ma l-ex siehba tieghu Stephanie Agius, huwa certament atteggjament u komportament li holoq ansjeta', dwejjaq u fastidju enormi lill-imsemmija Stephanie Agius;

5. Il-fatt li b' dak li ghamel l-imputat rabat idejn il-Qrati u ghandu jkun hu biss responsabbli ghall-ghemilu;

6. Id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk dan il-kaz jaqa' fil parametri tal-vjolenza domestika.

Dawn huma lkoll fatturi li ser ikunu riflessi fis-sanzjoni applikabbli.

**Decide;**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 28A, 251A, 251B, 221(1), 222(1), 412C(11) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Clifford Gatt Baldacchino,** fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u:

**1.** Tikkundannah ghar-reati taht il-paragrafi (1), (2), (3), (4), komplessivament ghall-piena ta' **disa' (9) xhur prigunerija u multa ta' elf (€1000) euro**;

2. Oltre dan, riferibbilment ghall-imputazzjoni migjuba fil-paragrafu (5), tordna li s-**sitt (6) xhur prigunerija** imposti bis-sentenza tat-23 ta' Awwissu 2019 (per Magistrat Dr. Doreen Clarke) u li kienu gew sospizi ghall-perjodu ta' sentejn, jidhlu minnufieh fis-sehh;

Sabiex din tkun cara, l-imputat ghalhekk qed jigi kkundannat **komplessivament** ghall-**hmistax (15) il-xahar prigunerija**.

3. **Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Stephanie Agius** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti taghmel Ordni ta` Protezzjoni/Trazzin fil-konfront tal-hati **Clifford Gatt Baldacchino** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Clifford Gatt Baldacchino** milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Clifford Gatt Baldacchino** milli b'kull mod jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna msemmija, u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` hames (5) snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur